**21 ta' Frar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Alfred u Mary konjuġi Vella

*versus*

Agostino Camilleri

**Ċitazzjoni - Dikjarazzjoni Ġuramentata - Nullità ta' l-atti**

*In-nullità ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi mposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att, ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.*

*Għalhekk att ta' ċitazzjoni għandu jkun imwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi.*

*Fil-każ preżenti l-attur iddikjara bil-ġurament il-fatti meta ma kienx jaf bihom personalment. L-artikolu 156 (3) tal-Kap. 12 jipprovdi li d-dikjarazzjoni annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni trid tkun ikkonfermata bil-ġurament minn min ikun jaf bil-fatti personalment. Il-Qorti dehrilha li dan in-nuqqas ma jwassalx għan-nullità.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi li biha, wara li ppremettew:

Li huma kienu involuti f'inċident awtomobilistiku mal-konvenut liema inċident issuċieda fit-8 ta' Marzu, 1995, fi Triq Psaila, il-Ħamrun, għall-ħabta tas-7.45 a.m. u dan meta l-konvenut kien qed isuq karozza tal-marka Peugeot 305, numru ta' reġistrazzjoni A764LKL, u l-attriċi Mary Vella kienet qed issuq karozza tal-marka Mitsubishi, numru J-0939;

Li tali inċident issuċċieda tort unikament tal-konvenut;

Li, a kawża ta' tali inċident, huma soffrew danni konsiderevoli fil-vettura tagħhom;

Li l-konvenut kien debitament interpellat biex jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni iżda baqa' inadempjenti;

Talbu l-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

Tiddikjara li l-inċident li ssuċċieda fit-8 ta' Marzu fi Triq Psaila, il-Ħamrun, għall-ħabta tas-7.45 a.m., issuċċieda tort unikament tal-konvenut;

Tillikwida d-danni sofferti minnhom a kawża ta' tali inċident;

Tikkundanna lill-konvenut iħallashom id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

L-attur Alfred Vella ma kienx preżenti waqt l-inċident in kwistjoni u, għalhekk, ma setax jagħmilha hu d-dikjarazzjoni tal-fatti li "jaf bihom" kif titlob il-liġi (artikolu 156 (3), Kap. 12), wisq aktar jikkonferma dawn il-fatti bil-ġurament tiegħu.

Lanqas ma tagħtih il-liġi li tieħu ġurament flok ħaddieħor. La darba tiġi ddikjarata nulla d-dikjarazzjoni ta' l-attur, nulla tkun iċ-ċitazzjoni attriċi;

*Omissis*;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentat u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

*Omissis*;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Li l-ewwel eċċezzjoni li trid tiġi investita hija dik tan-nullità ta' l-azzjoni;

Il-konvenut qiegħed isostni li d-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-atturi hija nulla għaliex skond l-artikolu 156 (3) tal-Kap. 12 din *kellha tkun ikkonfermata bil-ġurament minn min, fost l-*atturi, jaf bil-fatti personalment u l-attur ma kienx jaf b'dawn il-fatti ta' l-inċident billi kienet l-attriċi li kienet qiegħda ssuq. Għalhekk, għalkemm l-attur iddikjara bil-ġurament il-fatti, din id-dikjarazzjoni hija nulla għaliex ma tirrispettax il-vot tal-liġi billi fiha ma jingħadx li l-attur "jaf personalment il-fatti". Kwindi, jkompli jsostni l-konvenut, in-nullità tad-dikjarazzjoni ġuramentata għandha loġikament twassal għan-nullità taċ-ċitazzjoni ta' l-attur;

Jingħad li n-nullità li qiegħed jipprospsetta l-konvenut,

billi mhix waħda li hija ddikjarata espressament mil-liġi - artikolu 789 (1) (a), Kap. 12 - trid tkun waħda li hija neċessarja għaliex ħolqitlu preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat - artikolu 789 (1) (ċ), Kap. 12 - jew għaliex l-att nieqes minn xi partikolarità meħtieġa mil-liġi espressament - artikolu 789 (1) (d), Kap. 12 - u dan juri illi n-nullità ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi mposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi ttollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali;

Dan l-insenjament t'hawn fuq insibuh fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, mogħtija fl-4 ta' Novembru, 1991, fil-kawża fl-ismijiet **Guido J. Vella A. & C.E.** ***vs*** **Dr. Emanuel Cefai LL.D.**, li kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li kienet irrespinġiet l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni minħabba li ċ-ċitazzjoni ma ġietx akkompanjata mid-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba, kif jippreskrivi espressament l-artikolu 156 (2) tal-Kap. 12;

In bażi għal dan l-insenjament, l-imsemmija Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjoni li meta jkun hemm nuqqas ta' dokumenti - pjanti, kontijiet, prospetti u simili - li huma, kif sejħitilhom l-istess Onorabbli Qorti, vitali biex l-attur ikun jista' jagħmel l-aħjar provi biex jirnexxi fl-azzjoni tiegħu, ma tkunx possibbli s-sanzjoni radikali tan-nullità;

Fl-istess sens jidher li huma s-sentenza tal-Qrati tagħna fil-każi meta tirriżulta ommissjoni ta' l-enumerazzjoni tat-talbiet fiċ-ċitazzjoni jew tal-paragrafi fid-dikjarazzjoni, jew meta fin-nota tax-xhieda ma jingħadx l-iskop tal-prova ta' kull xhud - li huma ukoll partikolaritajiet u ordinamenti meħtieġa mil-liġi espressament;

Għaldaqstant billi att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi u nuqqas fid-dikjarazzjoni odjerna ma jistax, taħt l-ebda aspett, ikun annoverat wieħed minnhom, il-Qorti tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u hekk: (1) tiddikjara li l-inċident stradali in kwistjoni ġara unikament minħabba tort imputabbli lill-konvenut; (2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' ħames mija u sitta u disgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm596.50) u (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' ħames mija u sitta u disgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm596.50) hekk likwidata in linea ta' danni; bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza;

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

---